**GWIDA TAL-UTENT**

# Is-Softwer tal-Ġbir Onlajn għall-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej


1 Preżentazzjoni ġenerali ....3
2 Interfaċċa amministrattiva....4
2.1 Aċċess għall-interfaċċa u għażla tal-lingwa tal-interfaċċa ....5
2.2 Ikkonfigura s-softwer tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek ....7
*2.2.1 Jekk għadek ma rreġistrajtx l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni*....8
*2.2.2 Jekk diġà rreġistrajt l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni* ....8
*2.2.3 Applowdja l-fajl li niżżilt mir-reġistru tal-ECI* ....8
*2.2.4 Żid il-verżjonijiet lingwisitiċi ppubblikati fir-reġistru tal-ECI għall-inizjattiva proposta tiegħek* 8
2.3 Iġġestixxi s-sistema tiegħek (Għażliet tal-istatus tas-sistema)....9
*2.3.1 Tranżizzjoni għall-istat onlajn (irreversibbli)* ....9
*2.3.2 Stat tal-ġbir: ATTIVAT/DIŻATTIVAT*....10
2.4 Monitoraġġ u esportazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura....10
*2.4.1 Distribuzzjoni attwali tal-firem – Esportazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġbura kollha*....10
*2.4.2 Rapport skont il-perjodu u/jew skont il-pajjiż – Esportazzjoni ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ magħżula*....11
*2.4.3 Ħassar dikjarazzjonijiet ta' appoġġ speċifiċi*....11
*2.4.4 Kif tiddekripta d-dejta esportata* ....12
2.5 Konfigurazzjonijiet....15
*2.5.1 Logo* ....15
*2.5.2 Mappa tad-Distribuzzjoni tal-Firem*....16
*2.5.3 Midja Soċjali*....16
*2.5.4 Callback URL* ....16
*2.5.5 Regoli ta’ validazzjoni fuq id-dejta pprovduta mill-firmatarji* ....18
*2.5.6 Progress bar* ....19
3 Interfaċċa pubblika....20
3.1 Aċċess u għażla tal-lingwa tal-interfaċċa ....20
3.2 Paġna prinċipali....21
3.3 Ċertifikat ta' konformità....22
3.4 Dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġburin onlajn ....22
3.5 Dikjarazzjoni dwar il-privatezza ....23
3.6 Iffirmar ....23
*3.6.1 Għażla tal-pajjiż/mili tal-formola tal-appoġġ*....23
*3.6.2 Iffinalizzar u sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta’ appoġġ*....24
*3.6.3 Paġna ta' Konferma* ....24
Anness I: Kodiċi tal-pajjiżi....25
Anness II: Kodiċi tal-lingwa....26

# 1 Preżentazzjoni ġenerali

Dan is-softwer ġie ddisinjat għall-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej.

Ġie żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea u diġà jikkonforma mar-rekwiżiti relatati mat-tħaddim, l-applikazzjoni u l-bażi tad-dejta tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi[1]. Jipprovdi l-funzjonalitajiet kollha meħtieġa biex jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ onlajn, tinħażen id-dejta tal-firmatarji b'mod sigur u tiġi esportata d-dejta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Is-softwer jista' faċilment jiġi konfigurat għal kwalunkwe inizjattiva taċ-ċittadini proposta peress li jippermetti lill-organizzaturi japplowdjaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar l-inizjattiva tagħhom mill-kont tal-organizzatur fis-sit web tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Is-softwer jikkonsisti minn interfaċċa pubblika għall-firmatarji biex jagħtu l-appoġġ tagħhom u interfaċċa amministrattiva għall-organizzaturi biex jiġġestixxu s-sistema.

Is-softwer jista' jkun f'żewġ stati differenti:

- ***Stat Offlajn:*** dan l-istat jippermetti lill-organizzaturi/amministraturi jħejju u jittestjaw is-sistema qabel ma tibda l-kampanja ta' ġbir. F'dan l-istat, l-interfaċċa pubblika hi protetta b'password biex tevita l-aċċess mill-pubbliku ġenerali.
- ***Stat Onlajn:*** dan l-istat jippermetti lill-organizzaturi biex attwalment jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tagħhom, ladarba s-sistema tkun konfigurata u ċertifikata. F'dan l-istat, l-interfaċċa pubblika hi protetta b'password biex tevita l-aċċess mill-pubbliku ġenerali.

B'difolt, is-sistema tkun fl-istat offlajn. It-tranżizzjoni għall-istat onlajn hi kkontrollata mill-organizzaturi/amministraturi. Biex imur fl-istat onlajn, l-organizzatur/amministratur hu rikjest jiffinalizza l-istabbiliment tas-sistema billi juża d-dejta dwar l-inizjattiva rreġistrata fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea għall-inizjattiva taċ-ċittadini (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"reġistru tal-ECI") u jkun applowdja ċ-ċertifikat ta' konformità li jkun inħareġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti. It-tranżizzjoni għall-istat onlajn għandha l-effett li tiddiżattiva l-protezzjoni tal-password tal-interfaċċa pubblika biex il-ġbir attwali tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ikun jista' jibda.

Importanti: It-tranżizzjoni mill-istat offlajn għal onlajn hi irreversibbli!

[1] Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta’ Novembru 2011 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta’ ġbir onlajn skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.

## STAT OFFLAJN:

**Interfaċċa amministrattiva:**
Tista' tipprepara s-sistema tiegħek għaċ-ċertifikazzjoni u tikkonfiguraha għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek. Il-funzjonalitajiet kollha huma disponibbli biex tittestja s-sistema tiegħek.

**Interfaċċa pubblika:**
Hi protetta mill-password biex ma jingħatax aċċess lill-pubbliku.

**IRRIVERSIBBLI** →

## STAT ONLAJN:

**Interfaċċa amministrattiva:**
Ma tkunx tista' tibdel id-dejta pprovduta dwar l-inizjattiva proposta tiegħek. Tista' biss iżżid verżjonijiet lingwistiċi ġodda.
Il-funzjonalitajiet l-oħra kollha huma disponibbli biex il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tiegħek

**Interfaċċa pubblika:**
Il-formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ tkun aċċessibbli pubblikament biex il-firmatarji jistgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek.
Il-formola tista' madankollu tiġi attivata jew diżattivata bl-użu tal-buttuni ta' ġbir ATTIVA /DIŻATTIVA

# 2 Interfaċċa amministrattiva

## 2.1 Aċċess għall-interfaċċa u għażla tal-lingwa tal-interfaċċa

Meta tikkonnettja mal-interfaċċa amministrattiva tas-sistema l-ewwel tara l-iskrin tad-dħul fis-sistema. Is-sistema tuża awtentikazzjoni f'żewġ passi: titolbok l-isem tal-utent, il-password u tweġiba għal ċalinġ ta' karattri eżadeċimali (Figura 1).




Figura 1: Skrin tad-dħul fis-sistema tas-sistema

Biex tidħol fis-sistema, kompli kif ġej:

1. Daħħal l-isem tal-utent tiegħek
2. Daħħal il-password tiegħek

> Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima "Security Tool Installation" tal-"Installation Guide" dwar kif tiġġenera l-isem tal-utent u l-password.

3. Qiegħed il-cursor fil-qasam tat-test tal-karattri eżadeċimali mbagħad ikklikkja l-buttuna l-leminija tal-maws u *Agħżel kollox*, erġa' ikklikkja l-buttuna l-leminija u agħżel *Ikkopja*.
4. Iftaħ is-Security Tool u identifika ruħek bil-password tiegħek
5. Agħżel il-funzjonalità *Iddekripta Test tal-Kampjun* (Figura 2)




Figura 2: Security Tool — Skrin ta' *Iddekripta Test tal-Kampjun*

Tinfetaħ din it-tieqa:




Figura 3: Tieqa tad-dekriptaġġ tat-test tal-kampjun

6. Ippejstja – billi tikklikkja l-buttuna l-leminija u tagħżel *ippejstja* – is-sett ta' karattri kkuppjati għad-deċifrar u ikklikkja *Iddekripta*

7. Ikkopja r-riżultat tad-dekriptaġġ – billi tuża l-buttuna *Ikkopja* taħt it-test iddekriptat – u mur lura fil-paġna tad-dħul fis-sistema. Qiegħed il-cursor fil-qasam tar-riżultat u ppejstja r-riżultat ikkupjat fil-qasam

8. Agħfas il-buttuna *Dħul fis-sistema*

9. Jekk jirnexxilek tidħol fis-sistema, is-sistema turik il-paġna prinċipali tal-amministrazzjoni (Figura 4 hawn taħt).

10. Jekk ma jirnexxilekx tidħol fis-sistema, is-sistema turik il-messaġġ ta' żball applikabbli. F'dan il-każ ikollok tirrepeti l-passi 1 sa 8 biex terġa' tipprova tidħol fis-sistema.

B'difolt, is-sistema tiegħek tkun fl-**istat offlajn**. F'dan l-istat, l-interfaċċa pubblika tas-sistema tiegħek hi protetta bil-password biex ma jingħatax aċċess lill-pubbliku. Dan l-istat għalhekk jippermettilek tipprepara s-sistema tiegħek għaċ-ċertifikazzjoni li ssir qabel ma jibda l-ġbir. Hekk kif is-sistema tiegħek tkun konfigurata u ċertifikata, tkun tista' tibda tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ uffiċjalment permezz tal-interfaċċa pubblika. Sabiex tagħmel dan, ikollok tmur fl-istat onlajn mill-entrata fil-menu *Status tas-Sistema*. Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima *2.3.1 Tranżizzjoni għall-istat onlajn (irreversibbli)*.

Barra dan, b'difolt, il-formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ fl-interfaċċa pubblika tiġi diżattivata ("Ġbir DIŻATTIVAT"). Għal aktar informazzjoni dwar l-attivazzjoni/id-diżattivazzjoni tal-formola, ara t-taqsima *2.3.2 Stat tal-ġbir: ATTIVAT/DIŻATTIVAT.*

Lista li tinżel fir-rokna ta' fuq, fuq il-lemin tal-paġna, tippermettilek tagħżel il-lingwa tal-interfaċċa fi kwalunkwe ħin.




Figura 4: Paġna prinċipali tas-sistema tal-amministrazzjoni

## 2.2 Ikkonfigura s-softwer tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek

Biex tikkonfigura s-sistema tiegħek għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek, trid tuża l-entrata fil-menu *Setup ta' Inizjattiva*. Din il-paġna tippermettilek iżżid l-informazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek.

#### 2.2.1 Jekk għadek ma rreġistrajtx l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni

Jekk qed tħejji s-sistema ta' ġbir onlajn tiegħek u biħsiebek tiċċertifikaha qabel tirreġistra l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek fir-reġistru tal-ECI, trid iddaħħal l-informazzjoni dwar l-inizjattiva proposta tiegħek permezz tal-buttuna *Daħħal/Editja l-informazzjoni manwalment*.

Ma għandekx għalfejn timla l-informazzjoni kollha mill-ewwel. Madankollu se jkun jeħtieġlek tindika t-titlu eżatt tal-inizjattiva tiegħek qabel ma titlob ċertifikazzjoni għas-sistema tiegħek mingħand l-awtorità nazzjonali rilevanti. Dan it-titlu għandu jkun eżattament l-istess bħal dak li biħsiebek tirreġistra fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea ("ir-reġistru tal-ECI"). Jekk jogħġbok indika wkoll il-lingwa li biha se tkun qed tirreġistra l-inizjattiva.

Jekk jogħġbok innota li l-possibbiltà li ddaħħal id-dejta manwalment teżisti biss fl-istat offlajn.

#### 2.2.2 Jekk diġà rreġistrajt l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni

F'dan il-każ, tista' tapplowdja l-fajl XML bl-informazzjoni dwar l-inizjattiva proposta tiegħek, li se jkun disponibbli fil-kont tal-organizzatur tiegħek fir-reġsitru tal-ECI hekk kif tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta tiegħek mill-Kummissjoni Ewropea. Ara t-taqsima li ġejja għall-istruzzjonijiet kif tapplowdja l-fajl.

Jekk jogħġbok innota li tkun tista' tqiegħed is-sistema fl-istat offlajn wara li tkun applowdjajt il-fajl XML: dan se jiżgura li d-dejta użata fis-sistema ta' ġbir onlajn tikkorrispondi eżatt mal-informazzjoni rreġistrata fir-reġistru tal-ECI.

#### 2.2.3 Applowdja l-fajl li niżżilt mir-reġistru tal-ECI

Biex tapplowdja l-fajl XML bl-informazzjoni dwar l-inizjattiva proposta tiegħek, jeħtieġlek:

1. Tmur fil-kont tal-organizzatur tiegħek fir-reġistru tal-ECI

2. Tniżżel il-fajl disponibbli fil-menu *Iġġestixxi l-inizjattiva tiegħek* (l-entrata *Stabbilixxi s-sistema ta' ġbir onlajn tiegħek*) u tissejvjah fuq il-kompjuter tiegħek.

3. Idħol fil-paġna tal-OCS *Setup ta' Inizjattiva* tal-interfaċċa amministrattiva, ikklikkja l-buttuna *Applowdja fajl* (l-ewwel trid tkun imdaħħal fis-sistema)

4. Ikklikkja l-buttuna *Browse* biex issib il-fajl fuq il-kompjuter tiegħek u ikklikkja l-buttuna *Iftaħ*. Ikklikkja l-buttuna *Applowdja*.

Jekk jogħġbok innota li ladarba tkun fl-istat onlajn, id-dejta dwar l-inizjattiva proposta tiegħek ma tkunx tista' terġa' tinbidel. Imbagħad tkun tista' biss iżżid verżjonijiet lingwistiċi ġodda tal-inizjattiva proposta tiegħek billi tapplowdja l-fajl XML il-ġdid (ara t-taqsima li jmiss).

#### 2.2.4 Żid il-verżjonijiet lingwisitiċi ppubblikati fir-reġistru tal-ECI għall-inizjattiva proposta tiegħek

Biex iżżid verżjonijiet lingwistiċi li tkun provdejt u li jkunu ġew ippubblikati fir-reġistru tal-ECI, trid terġa' tiddawnlowdja fil-kont tal-organizzatur tiegħek il-fajl bl-informazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek u tapplowdja dan il-fajl ġdid fis-softwer, kif deskritt hawn fuq. Il-fajl fih

il-verżjonijiet lingwistiċi kollha ppubblikati għall-inizjattiva proposta tiegħek fil-ħin li tiddawnlowdja, inkluża l-lingwa tar-reġistrazzjoni.

Għalhekk tista' tirrepeti l-operazzjoni kull darba li tiżdied verżjoni lingwistika ġdida fir-reġistru tal-ECI.

Jekk jogħġbok innota li m'hemmx bżonn twaqqaf il-ġbir fl-interfaċċa pubblika biex tapplowdja fajl ġdid għall-inizjattiva proposta tiegħek.

Fil-qosor:

- Fl-istat offlajn (qed tittestja s-sistema), tista' jew iddaħħal id-dejta manwalment jew tapplowdja l-fajl li ssib fil-kont tal-organizzatur tiegħek jekk tkun diġà rreġistrajt l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni.

- Biex tmur fl-istat onlajn u ladarba tidħol fl-istat onlajn (il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ikun għaddej), tista' tapplowdja biss il-fajl disponibbli fil-kont tal-organizzatur tiegħek.

- Ikollok tiddawnlowdja dan il-fajl mill-kont tiegħek u tapplowdjah fis-sistema tiegħek kull darba li verżjoni lingwisitika ġdida tal-inizjattiva tiegħek tiġi ppubblikata fir-reġistru tal-ECI biex din il-verżjoni lingwistika tiżdied fis-sistema tiegħek.

## 2.3 Iġġestixxi s-sistema tiegħek (Għażliet tal-istatus tas-sistema)

Din it-taqsima tirreferi għall-entrata fil-menu *Status tas-sistema*.

### *2.3.1 Tranżizzjoni għall-istat onlajn (irreversibbli)*

Ladarba s-sistema tiegħek tkun lesta u ċċertifikata mill-awtorità nazzjonali kompetenti u ladarba r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek tkun ġiet ikkonfermata mill-Kummissjoni, tista' tmur fl-istat onlajn biex tibda tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji.

Biex tagħmel dan, l-ewwel jeħtieġlek:

- tiffinalizza s-setup ta' inizjattiva tas-sistema billi tapplowdja l-fajl XML li fih id-dettalji tal-inizjattiva tiegħek li kont diġà ddawnlowdjajt mill-kont tal-organizzatur tiegħek fir-reġsitru tal-ECI (ma tistax tmur fl-istat onlajn jekk tkun daħħalt id-dejta manwalment) (ara t-taqsima *2.2.2 Jekk diġà rreġistrajt l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni*) u

- tapplowdja, fl-entrata tal-menu *Status tas-sistema*, iċ-ċertifikat ta' konformità tas-sistema teigħek li tkun irċevejt mill-awtorità kompetenti.

Imbagħad, fi S*tatus tas-sistema*, tista' timmarka l-kaxxa *Mur fl-istat onlajn* u tikklikkja *Kompli*.

Ftakar li ladarba tmur fl-istat onlajn MA TKUNX TISTA' TERĠA' LURA u jfisser li:

- l-informazzjoni dwar l-inizjattiva tiegħek inklużi l-verżjonijiet b'lingwi differenti se titqies bħala finali u ma tkunx tista' timmodifikaha aktar. Madankollu, se tkun tista' tappdejtja s-setup tal-inizjattiva tiegħek bi kwalunkwe verżjoni b'lingwa ġdida li int iżżid fir-reġistru tal-ECI.

- id-dejta kollha tal-firmatarji li għandu mnejn li kont użajt biex tittestja s-sistema fl-istat offlajn se titħassar kollha.

Barra minn hekk, b'difolt, is-sistema għandha awtomatikament tattiva l-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ fl-interfaċċa pubblika (jekk il-ġbir ikun attwalment DIŻATTIVAT, awtomatikament isir ATTIVAT). Ara t-taqsima hawn taħt għal aktar informazzjoni.

### *2.3.2 Stat tal-ġbir: ATTIVAT/DIŻATTIVAT*

Kemm fl-istat offlajn kif ukoll fl-istat onlajn, tista' tagħżel li tattiva jew tiddiżattiva l-formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ fl-interfaċċa pubblika. Dan jippemettilek li tagħti permess jew tneħħi l-permess għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-interfaċċa pubblika.

Meta l-ġbir ikun DIŻATTIVAT, il-paġna prinċipali tal-interfaċċa pubblika tkun għadha aċċessibbli iżda mhux il-formola biex tingħata dikjarazzjoni ta' appoġġ (il-buttuna *Appoġġ* li tagħti aċċess għall-formola mhix disponibbli).

Meta s-sistema tkun offlajn, il-pubbliku ġenerali ma jkollux aċċess għas-sistema, iżda jaf tkun trid tattiva l-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ biex tittestja l-ġbir (f'dan il-każ l-aċċess ikun protett b'password).

Tista' tattiva jew tiddiżattiva l-formola fi kwalunkwe ħin. Dan m'għandu l-ebda impatt fuq id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ diġà miġbura.

Biex tbiddel l-istat tal-ġbir, agħżel ATTIVAT jew DIŻATTIVAT billi timmarka l-kaxxa korrispondenti fil-paġna *Status tas-sistema* u tikklikkja *OK*.

Jekk jogħġbok innota li b'difolt, il-ġbir ikun DIŻATTIVAT fl-istat offlajn u ATTIVAT fl-istat onlajn.

Jekk jogħġbok innota li trid tiddiżattiva l-formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ fl-interfaċċa pubblika fi tmiem il-perjodu tal-ġbir tiegħek.

## 2.4 Monitoraġġ u esportazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura

Il-paġna *Immonitorja u Esporta* tippermettilek timmonitorja l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ sottomessi mill-interfaċċa pubblika tas-sistema u tista' tesporta d-dejta korrispondenti. Għal dan l-għan, hija toffri tliet funzjonalitajiet deskritti fit-tliet subtaqsimiet sussegwenti rispettivament. Din il-paġna hi disponibbli kemm fl-istat offlajn kif ukoll dak onlajn.

Id-dejta hi kriptata fis-sistema. Ladarba tiġi esportata, ikollok tiddekriptaha billi tuża s-Security Tool biex tkun tista' tanalizzaha. Jekk jogħġbok ara t-Taqsima *2.4.4 Kif tiddekripta d-dejta esportata għal aktar informazzjoni.*

### *2.4.1 Distribuzzjoni attwali tal-firem – Esportazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura kollha*

L-ewwel parti tal-paġna, bl-isem *Distribuzzjoni attwali tal-firem*, turi d-distribuzzjoni totali tal-firem, ikklassifikati skont il-pajjiż tal-firmatarji.

Tista' tesporta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha miġbura fi kwalunkwe ħin bil-buttuna *Esporta kollox*.

Ladarba ssir l-esportazzjoni, il-fajl esportat ikun disponibbli fis-sistema tal-fajl li tkun indikajt meta tkun ftaħt is-sistema (ara l-Gwida tal-Istallazzjoni). Il-fajls esportati jiġu klassifikati awtomatikament skont il-pajjiż, u għal kull pajjiż, skont il-verżjoni lingwistika tal-inizjattiva magħżula mill-firmatarju. L-ismijiet tal-fowlders huma bbażati fuq il-kodiċi tal-pajjiżi u l-kodiċi tal-lingwa li ssib fl-**Annessi I u II** rispettivament.

Lejn l-aħħar tal-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u jekk tkun ilħaqt l-għadd rikjest ta' firmatarji, trid tibgħat id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti esportati lil kull awtorità kompetenti fl-istati membri għall-verifika.

### *2.4.2 Rapport skont il-perjodu u/jew skont il-pajjiż – Esportazzjoni ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ magħżula*

It-tieni parti ta' din il-paġna tippermettilek tagħmel inkjesti billi tirrapporta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ skont il-pajjiż u/jew skont id-data ta' sottomissjoni. Tista' tagħżel perjodu ta' żmien billi timla l-ewwel żewġ oqsma u/jew tista' tagħżel pajjiż mil-lista li tinżel. Niedi l-inkjesta billi tikklikkja l-buttuna *Għodd*.

Imbagħad tista' tesporta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ korrispondenti mill-buttuna *Esporta* li tidher ladarba s-sistema tlesti l-inkjesta.

### *2.4.3 Ħassar dikjarazzjonijiet ta' appoġġ speċifiċi*

It-tielet parti tal-paġna tippermettilek tagħżel dikjarazzjoni ta' appoġġ waħda jew iktar – permezz tal-identifikatur tal-firma – biex tħassarha/hom bil-buttuna *Ħassar*. Tista' tindika d-data tal-firma minbarra l-identifikatur tal-firma iżda dan mhux obbligatorju.

Rapport jindika jekk it-tħassir irnexxiex għal kull dikjarazzjoni ta' appoġġ.

Meta firmatarju jirnexxilu jissottometti d-dikjarazzjoni ta' appoġġ tiegħu mill-interfaċċa pubblika, dan jiġi infurmat bl-identifikatur tal-firma tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ tiegħu.

Tista’ ssib ukoll – fil-fajl XML maħluq mid-dejta esportata bl-użu tas-Security Tool – l-identifikatur tal-firma li jikkorrispondi għal kull dikjarazzjoni ta’ appoġġ.

### 2.4.4 *Kif tiddekripta d-dejta esportata*

1. Iftaħ is-Security Tool permezz tal-password li tkun daħħalt fil-fażi inizjali kif deskritt fil-Gwida tal-Istallazjoni. Ikklikkja *Iddekripta d-Dejta*




Figura 5: Security Tool Offlajn – skrin ta' *Iddekripta d-Dejta*

Tinfetaħ din it-tieqa:




Figura 6: L-ibbrawżjar u l-għażla ta' fowlders jew fajls biex jiġu ddekriptati.

2. Żid il-fowlders jew fajls individwali biex jiġu ddekriptati

Fil-parti ta' fuq, fuq ix-xellug tal-paġna tista' ssib il-buttuni biex iżżid fajls jew fowlders individwali biex jiġu pproċessati (*Żid fajls / Żid fowlders*).

Meta żżid il-fajls, jistgħu jiġu magħżula fajls multipli tat-tip XML. Meta żżid il-fowlders, jistgħu jintgħażlu fowlders biss (għażla multipla). Meta tmur bil-maws fuq oġġett fil-lista ta' fajls magħżula, jintwera l-path sħiħ tal-fajl/fowlder.

Biex tneħħi l-fajls/fowlders hemm żewġ possibbiltajiet: *Neħħi kollox* – din tħassar l-għażla ta' fajls u fowlders u *Neħħi* li tħassar l-entrati magħżula biss individwalment. Biex tneħħi fajls/fowlders multipli, agħfas u żomm subgħajk fuq Control u kklikkja l-fajls/fowlders li tixtieq tneħħi. Ladarba tagħmel l-għażla, tista' tikklikkja l-buttuna *Neħħi* jew tikklikkja l-buttuna tal-lemin tal-maws li tiftaħ menu ta' għażla minn fejn tista' tagħżel *Neħħi*. Iż-żewġ azzjonijiet ineħħu l-fajls/fowlders.

Fin-naħa ta’ fuq fil-lemin tista’ ssib it-*Taqsira tal-għażla tal-fajls*. Din il-parti tipprovdik b'taqsira tal-fajls kollha li se jiġu pproċessati. Din hi partikolarment utli meta tagħżel il-fowlders. It-taqsira turik l-għadd totali ta' fajls XML identifikati fil-fowlders u s-subfowlders kollha u l-fajls tal-għażla, flimkien mad-daqs totali ta' dawk il-fajls.

3. Agħżel il-folder tal-output.

Biex tagħżel fejn jinħażnu l-fajls iddekriptati, ikklikkja l-buttuna *Browse* taħt it-tabella *Fowlder tal-output* u agħżel il-fowlder li għandu jintuża.

4. Agħżel it-tip tal-fajl tal-output minn waħda minn dawn iż-żewġ għażliet: XML jew PDF
5. Ikklikkja *Ibda l-proċess ta' dekriptaġġ* biex tkompli bid-dekriptaġġ tal-fajls XML esportati.

Wara li jkun beda l-proċess ta' dekriptaġġ, il-parti ta' fuq issir inaċċessibbli. It-*Taqsira tal-progress ta' dekriptaġġ* turi l-istatus korrenti tal-proċess ta' dekriptaġġ u l-ħin li jkun għadda. Ladarba l-proċess ta' dekriptaġġ ikun beda, tista' tagħżel *ċekken* it-tieqa, *waqqaf temporanjament* il-proċess, *ikkanċella* l-proċess jew li tara aktar *dettalji* dwaru billi tikklikkja l-buttuna adegwata.

Il-buttuna *Waqqaf temporanjament* tqiegħed il-proċess fi stat ta' pawża ladarba l-fajl li jkun qed jiġi pproċessat jispiċċa l-ipproċessar. Hu għalhekk li wara li tagħfas il-buttuna *Waqqaf temporanjament*, jista' jkun li ddum ftit sakemm ma terġa' tara li jkun hemm progress.

Mill-banda l-oħra, jekk tikkanċella l-proċess ta' dekriptaġġ, il-progress jiġi interrott immedjatament u ma jitqegħdux aktar fajls fil-fowlder tal-output.

Biex tara d-dettalji dwar il-proċess ta' dekriptaġġ, agħfas il-buttuna *Dettalji* u tinfetaħ din it-tieqa hawn taħt li turi bl-iswed l-għadd totali ta' fajls ipproċessati, bl-aħdar l-għadd ta' fajls li rnexxielhom jiġu pproċessati u bl-aħmar dawk il-fajls li ma setgħux jiġu pproċessati.




Figura 7: Progress ta' dekriptaġġ u statistika

Għal kull fajl ipproċessat, tiżdied linja fit-tabella li turi l-isem tal-fajl, kemm dam biex ġie pproċessat dak il-fajl individwali, jekk irnexxiex il-proċess (iva/le) u messaġġ addizzjonali kif jidher fil-Figura 7 hawn fuq.

## 2.5 Konfigurazzjonijiet

Permezz tal-entrata tal-menu Konfigurazzjonijiet tista’ tiddeċiedi l-konfigurazzjonijiet murija fl-Interfaċċa pubblika.




Figura 8: *Konfigurazzjonjiet* tal-iskrin

Biex tikkonferma l-konfigurazzjonijeit tiegħek, ikklikkja l-buttuna *Issejvja l-konfigurazzjonijiet*.

Ikklikkja *Ikkanċella* jekk ma tixtieqx taħżen fil-bażi tad-dejta kwalunkwe konfigurazzjoni li daħħalt iżda li għadek ma kkonfermajtx .

### *2.5.1 Logo*

Sabiex tbiddel l-immaġni difolt tal-ECI fin-naħa ta’ fuq, fuq ix-xellug tal-interfaċċa pubblika u tpoġġi l-logo personalizzat tiegħek, ikklikkja l-buttuna *Browse* biex tagħżel il-fajl tal-logo personalizzat. Il-fajl tal-logo personalizzat tiegħek għandu jkun tat-tip JPEG, PNG jew GIF. Il-logo se jintwera b’riżoluzzjoni massima ta’ 160 x 160 pixels. Jekk tapplowdja logo akbar jew iżgħar dan jingħata daqs ieħor, filwaqt li jiġu rispettati l-proporzjonijiet tal-immaġini. Il-massimu tad-daqs tal-fajl tal-logo personalizzat aċċettat mill-applikazzjoni hu ta' 150 KB.

Jekk tixtieq tħassar il-logo personalizzat attwali tiegħek , immarka l-kaxxa ta' verifika korrispondenti qabel ma tissejvja l-konfigurazzjonijiet tiegħek.

### 2.5.2 *Mappa tad-Distribuzzjoni tal-Firem*

Immarka l-kaxxa *Ippermetti lill-utenti jaraw il-mappa tad-distribuzzjoni tal-firem* biex tippermetti lill-firmatarji jaraw mappa tad-Dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ skont il-pajjiż miġbura permezz tas-sistema. Jekk tneħħi l-marka minn din il-kaxxa ta’ verifika, din il-mappa mhux se tkun aċċessibbli fl-Interfaċċa pubblika.

### 2.5.3 *Midja Soċjali*

Immarka l-kaxex ta' verifika Facebook, Google+ u/jew Twitter biex tippermetti lill-firmatarji japprovaw u jaqsmu l-inizjattiva tiegħek fi tmiem il-proċess għall-iffirmar tagħhom. Jekk tneħħi l-marka minn din il-kaxxa ta' verifika jew mill-kaxxi kollha, il-buttuni rispettivi mhux se jkunu aċċessibbli fl-Interfaċċa pubblika.

### 2.5.4 *Callback URL*

F’*URL biex tmur lura fis-sit web tal-organizzaturi* tista' ddaħħal l-indirizz li għandu jintuża għal link *Żomm ruħek infurmat* li l-firmatarji jistgħu jaraw fi tmiem il-proċess għall-iffirmar (Figura 9).

B'difolt, il-link *Żomm ruħek infurmat* se jieħu lill-firmatarju fis-sit web tal-organizzaturi kif definit fir-Reġistru tal-ECI għall-inizjattiva tiegħek. Biex tirrestawra l-imġiba difolt, sempliċiment ħassar il-kontenut ta’ *URL biex tmur lura fis-sit web tal-organizzaturi.*

Innota li l-callback URL għandu jibda b’“http://” jew “https://”. Jekk le, se tara l-messaġġ ta’ żball li ġej meta tikklikkja l-buttuna *Issejvja l-konfigurazzjonijiet*:

Ġie speċifikat URL invalidu.




Figura 9: Callback URL kif muri fil-paġna ta' konferma tal-Interfaċċa pubblika

### 2.5.5 *Regoli ta' validazzjoni fuq id-dejta pprovduta mill-firmatarji*

Immarka l-kaxxa ta' validazzjoni *Validazzjoni fakultattiva*: *possibbiltà li jiġu evitati r-regoli ta' validazzjoni (kodiċi postali, in-numru tal-karta tal-identità)* biex il-firmatarji jkunu jistgħu jdaħħlu l-kodiċi postali u/jew numru tal-identità tagħhom f'format differenti minn dak permess mis-softwer matul il-proċess tal-iffirmar. Il-formati ġew stabbiliti fis-softwer fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Jekk timmarka din il-kaxxa u l-firmatarji jdaħħlu d-dejta tagħhom f'format differenti minn dak permess, l-ewwel se jiġu infurmati b'messaġġ ta' żball li d-dejta tagħhom ma tikkorrispondix mal-format. Imbagħad, dawn se jkollhom il-possibbiltà li jivverifikaw l-entrati tagħhom u, jekk huma jqisu li dawn ikunu korretti, jimmarkaw kull kaxxa ta' verifika biex jikkonfermaw dan u jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tagħhom xorta waħda (Figura 10).

Jekk tneħħi l-marka minn din il-kaxxa, din l-għażla mhux se tkun disponibbli u l-firmatarji se jkunu meħtieġa li jdaħħlu d-dejta tagħhom skont il-formati permessi mis-softwer.




Figura 10: Dikjarazzjoni ta' ċaħda rigward il-validazzjoni

### *2.5.6 Progress bar*

Immarka l-kaxxa tal-verifika *Ippermetti lill-utenti jaraw il-progress bar* biex tippermetti lill-firmatarji jaraw progress bar fil-Paġna Prinċipali tal-Interfaċċa pubblika li tindika kemm ikunu nġabru firem. Fil-qasam t'hawn taħt, daħħal l-għadd totali ta' firmatarji li għandu jintlaħaq bħala l-għan tal-progress bar. Tista' taġġusta dan in-numru maż-żmien meta tiġbor aktar dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

Jekk tneħħi l-marka minn din il-kaxxa ta’ verifika, il-progress bar mhux se tkun aċċessibbli fl-Interfaċċa pubblika.

# 3 Interfaċċa pubblika

## 3.1 Aċċess u għażla tal-lingwa tal-interfaċċa

Fl-**istat offlajn**, l-interfaċċa pubblika tas-sistema tiegħek hi protetta mill-password biex ma jingħatax aċċess lill-pubbliku. Biex tidħol fis-sistema, trid tagħmel l-istess bħal kif tagħmel biex taċċessa l-parti tal-amministrazzjoni (Ara t-taqsima *2.1 Aċċess għall-interfaċċa u għażla tal-lingwa tal-interfaċċa*).

Fl-**istat onlajn**, l-interfaċċa tkun aċċessibbli għall-pubbliku u ma tkunx protetta mill-password. Normalment il-pubbliku jista' jidħol fil-paġna prinċipali tas-sistema permezz ta' link fuq is-sit web tiegħek.

Lista li tinżel fir-rokna ta' fuq, fuq il-lemin tal-paġna, tippermettilek tbiddel il-lingwa tal-interfaċċa fi kwalunkwe ħin.

### 3.2 Paġna prinċipali

Il-paġna prinċipali hi l-punt tat-tluq tal-proċess għall-iffirmar. Fi kwalunkwe ħin tal-proċess hu possibbli li terġa' lura għaliha permezz tal-buttuna *Paġna prinċipali* fil-parti ta' fuq, fuq ix-xellug tal-paġna.

Il-paġna prinċipali tipprovdi l-informazzjoni kollha dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek: turi d-dejta li pprovdejt fis-*Setup ta' inizjattiva* fl-interfaċċa amministrattiva, inklużi l-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-inizjattiva proposta tiegħek.

Jekk immarkajt il-kaxxa ta' verifika korrispondenti fl-interfaċċa amministrattiva, il-paġna prinċipali turi wkoll il-progress bar (Figura 11).

Il-buttuna *Appoġġ* li tinsab fuq u isfel tal-paġna tippermetti liċ-ċittadini jibdew il-proċess biex jiffirmaw l-inizjattiva proposta tiegħek.




Figura 11: Paġna prinċipali tal-interfaċċa pubblika

## 3.3 Ċertifikat ta' konformità

Mill-paġni kollha tal-interfaċċa pubblika, mill-buttuna rilevanti fin-naħa ta' fuq tal-paġna, il-pubbliku jista' jara ċ-ċertifikat ta' konformità tas-sistema ta' ġbir onlajn tiegħek li tkun applowdjajt mill-interfaċċa amministrattiva (mhux obbligatorju fl-istat offlajn).

## 3.4 Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin onlajn

Mill-paġni kollha tal-interfaċċa pubblika, permezz tal-buttuna rilevanti fin-naħa ta' fuq tal-paġna, il-pubbliku jista' jara mappa tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura għal kull pajjiż permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn, jekk l-amministratur ikun għażel li din l-għażla tkun disponibbli għall-pubbliku (ara t-taqsima *2.5.2 Mappa tad-Distribuzzjoni tal-Firem* u l-Figura 12).




Figura 12: Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin onlajn

Meta l-utent jgħaddi l-cursor fuq pajjiż tal-UE jara l-għadd ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġbura, il-limitu meħtieġ ta' firmatarji[2], u l-perċentwal li ntlaħaq s’issa għal dak il-pajjiż.

Il-pajjiżi li jkunu laħqu l-limitu se jintwerew b'kulur aħdar.

Il-pajjiżi li dak il-ħin ikunu taħt il-limitu jintwerew blu.

Il-pajjiżi li dak il-ħin ma għandhom l-ebda dikjarazzjoni ta’ appoġġ jintwerew bl-aħmar.

Kwalunkwe pajjiż mhux tal-UE li jidher fuq il-mappa se jintwera kannella.

## 3.5 Dikjarazzjoni dwar il-privatezza

Mill-paġni kollha tal-interfaċċa pubblika, permezz tal-buttuna rilevanti fin-naħa ta' fuq tal-paġna, il-pubbliku jista' jara d-dikjarazzjoni dwar il-privatezza dwar id-dejta personali tal-firmatarji. Id-dikjarazzjoni dwar il-privatezza tagħmel parti mill-formola uffiċjali ta' appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini.

## 3.6 Iffirmar

### *3.6.1 Għażla tal-pajjiż/mili tal-formola tal-appoġġ*

Il-firmatarji jkollhom aċċess għall-formola tad-dikjarazzjoni ta’ appoġġ billi jikklikkjaw fuq waħda mill-buttuni *Appoġġ*. L-ewwel nett, huma meħtieġa jagħżlu l-istat membru minn fejn ġejjin.

L-istat membru magħżul mill-firmatarji jista' jkun jew il-pajjiż ta' residenza tagħhom jew il-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom. Id-dikjarazzjoni ta’ appoġġ tingħadd ma' dawk tal-Istat Membru magħżul. Huma disponibbli diversi links għas-sit web tal-ECI fejn il-firmatarji jistgħu jsibu aktar informazzjoni dwar il-modalitajiet u r-rekwiżiti biex jiffirmaw inizjattiva taċ-ċittadini.

Madankollu, ladarba jintgħażel il-pajjiż, is-sistema tinforma lill-firmatarji li hu possibbli jiffirmaw biss, skont il-pajjiż membru, jekk:

- huma residenti f'dak il-pajjiż; jew

- huma residenti f'dak il-pajjiż jew huma ċittadini tiegħu; jew

- huma residenti f'dak il-pajjiż jew huma ċittadini tiegħu, inklużi ċittadini li jgħixu barra pajjiżhom, jekk ikunu infurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-post ta' residenza tagħhom; jew

- ikollhom dokument/numru ta' identifikazzjoni jew wieħed mid-dokumenti/numri ta' identifikazzjoni rikjesti minn dan il-pajjiż: f'dan il-każ jidhru oqsma addizzjonali biex jippermettu lill-firmatarji jagħżlu d-dokument rilevanti u jipprovdu n-numru tiegħu.

Hu possibbli li tbiddel l-istat membru magħżul bil-buttuna *Biddel* li tidher ħdejn il-pajjiż magħżul.

Fi kwalunkwe każ, il-firmatarji jistgħu jiffirmaw darba biss għal kull inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Innota li s-sistema ma tippermettix dikjarazzjonijiet ta' appoġġ doppji.

---

[2] Il-limitu ta' firmatarji huwa l-għadd minimu ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ li għandu jintlaħaq f’pajjiż. Il-limitu minimu għandu jintlaħaq f’tal-anqas 7 pajjiżi.

Ladarba jintgħażel il-pajjiż, il-formola rilevanti biex timtela' mill-firmatarji tidher fl-istess paġna. Kull formola tiġi adattata skont id-dejta rikjesta mill-istat membru magħżul.

### *3.6.2 Iffinalizzar u sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ*

Ladarba jimlew il-formola, il-firmatarji huma rikjesti jikkonfermaw li l-informazzjoni li pprovdew hi korretta u li ma jkunux diġà appoġġaw l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiegħek. Iridu jikkonfermaw ukoll li qraw id-dikjarazzjoni dwar il-privatezza.

Biex jiffinalizzaw il-proċess, il-firmatarji huma rikjesti jdaħħlu l-karattri li jaraw fi stampa captcha. Bħala alternattiva, il-firmatarji jistgħu jagħżlu li jisimgħu l-awdjo captcha u jdaħħlu n-numri li jkunu semgħu.

Il-firmatarji mbagħad jikklikkjaw il-buttuna *Appoġġ* biex jiffinalizzaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom. Fi kwalunkwe ħin matul il-proċess, il-firmatarji jistgħu jmorru lura fil-paġna preċedenti billi jikklikkjaw il-buttuna *Lura*, in-naħa t'isfel tal-paġna: jekk jiddeċiedu li jagħmlu dan, id-dejta kollha li jkunu daħħlu titħassar.

### *3.6.3 Paġna ta' Konferma*

Jekk ma jkunx hemm żbalji, is-sistema tinnotifika lill-firmatarju li l-formola nbagħtet. Minbarra din in-notifika, id-data u l-identifikatur tal-firma jidhru fl-aħħar paġna.

Mill-Paġna ta' konferma, il-firmatarji jistgħu jmorru lura għas-sit web tal-organizzaturi permezz tal-link *Żomm ruħek infurmat.* Il-link se tkun għas-sit web tal-organizzatur kif definit fir-reġistru tal-ECI għall-inizjattiva tiegħek fil-verżjoni lingwistika magħżula għall-inizjattiva, sakemm ma tkunx diġà stipulajt callback URL differenti fl-interfaċċa amministrattiva (ara t-taqsima *2.5.4 Callback URL*).

Fl-aħħar nett, il-paġna ta' konferma tippermetti wkoll li firmatarji simili japprovaw u jaqsmu l-inizjattiva tiegħek permezz ta' Facebook, google+ jew Twitter billi jikklikkjaw il-buttuni rispettivi taħt il-link għas-sit web tal-organizzatur, jekk immarkajt fil-kaxxi rispettivi fl-interfaċċa amministrattiva (ara t-taqsima *2.5.3 Midja soċjali*).

# Anness I: Kodiċi tal-pajjiżi

| Isem qasir, lingwa/i sors (isem ġeografiku) | Isem qasir bil-Malti | Kodiċi tal-pajjiż |
|---|---|---|
| Belgique/België | Il-Belġju | BE |
| България | Il-Bulgarija | BG |
| Česká republika | Ir-Repubblika Ċeka | CZ |
| Danmark | Id-Danimarka | DK |
| Deutschland | Il-Ġermanja | DE |
| Eesti | L-Estonja | EE |
| Éire/Ireland | L-Irlanda | IE |
| Ελλάδα | Il-Greċja | EL |
| España | Spanja | ES |
| France | Franza | FR |
| Hrvatska | Il-Kroazja | HR |
| Italia | L-Italja | IT |
| Κύπρος | Ċipru | CY |
| Latvija | Il-Latvja | LV |
| Lietuva | Il-Litwanja | LT |
| Luxembourg | Il-Lussemburgu | LU |
| Magyarország | L-Ungerija | HU |
| Malta | Malta | MT |
| Nederland | In-Netherlands | NL |
| Österreich | L-Awstrija | AT |
| Polska | Il-Polonja | PL |
| Portugal | Il-Portugall | PT |
| România | Ir-Rumanija | RO |
| Slovenija | Is-Slovenja | SI |
| Is-Slovakkja | Slovakia | SK |
| Suomi/Finland | Il-Finlandja | FI |
| Sverige | L-Iżvezja | SE |
| United Kingdom | Ir-Renju Unit | UK |

# Anness II: Kodiċi tal-lingwa

| Titlu tal-lingwa sors | Titlu bil-Malti | Kodiċi ISO |
|---|---|---|
| български | Bulgaru | bg |
| español | Spanjol | es |
| čeština | Ċek | cs |
| dansk | Daniż | da |
| Deutsch | Ġermaniż | de |
| eesti keel | Estonjan | et |
| ελληνικά | Grieg | el |
| English | Ingliż | en |
| français | Franċiż | fr |
| Gaeilge | Irlandiż | ga |
| hrvatski | Kroat | hr |
| italiano | Taljan | it |
| latviešu valoda | Latvjan | lv |
| lietuvių kalba | Litwan | lt |
| magyar | Ungeriż | hu |
| Malti | Malti | mt |
| Nederlands | Olandiż | nl |
| polski | Pollakk | pl |
| português | Portugiż | pt |
| română | Rumen | ro |
| slovenčina (slovenský jazyk) | Slovakk | sk |
| slovenščina (slovenski jezik) | Sloven | sl |
| suomi | Finlandiż | fi |
| svenska | Żvediż | sv |